# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 1 ta' Lulju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Keithien Borg**

## Kumpilazzjoni Numru: 326/2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Keithien Borg u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0530795(M).

Akkuzat talli id-19 ta' Gunju, 2016 ghal habta tal-04:00 ta' filghodu minn gewwa l-Blue Creek Restaurant f'Ghar Lapsi limiti tas-Siggiewi:

1. Ikkommetta serq (ta' flus kontanti) liema serq huwa aggravat bil-valur (ta' valur ta' inqas minn €2,329.37) bil-mezz, bil-vjolenza u bil-hin ghad-dannu ta' Deelan Sacco u/jew persuni ohra;
2. U aktar fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli ghad-dannu ta' Deelan Sacco u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli kkommetta serq waqt li kien taht ordni ta' probation liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr A Bugeja LLD fit-13 ta' Mejju, 2015 liema sentenza saret definittiva u ma' tistax tigi mibdula
4. U aktar talli kkommetta serq waqt li kien taht ordni ta' probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr J Demicoli nhar is-6 ta' Ottubru, 2014 liema sentenza saret definittiva u ma' tistax tigi mibdula
5. U aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D nhar il-21 ta' Settembru, 2013 liema sentenza saret definittiva u ma' tistax tigi mibdula;
6. U aktar talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrat (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma' jistghux jigu mhassra u dan bi ksur ta' artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semeght it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-eta ta' l-imputat.

Illi mill-fedina penali jidher car li minkejja l-opportunitajiet kollha li l-Qorti tat lill-imputat minn zmien ghal zmien l-imputat ghadu ma tghallem xejn.

Diversi perjodi ta' probation u anke perjodu ta' detenzjoni ma hallewx r-rizultat mxtieq tant li ftit xhur wara li skonta piena karcerarja l-imputat ikkommmetta r-reati odjerni.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlif li timponi piena karcerarja effettiva. Il-Qorti pero hija disposta terga taghti lill-imputat opportunita billi ma titrattax mieghu ghar-reati li dwarhom kien instab hati u tpogga jew taht probation b'sentenzi precedenti b'tama li wara li jiskonta dan il-perjodu ta' detenzjoni huwa jibqa' juzufruwixxi mill-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation gia assenjat lilu biex ikompli jghinu fit-triq tar-riabilitazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263(a), 267, 270, 289 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlettax il-xahar prigunerija. In oltre qed taghzel li ma titrattax ma'l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati fil-21 ta' Settembru 2013, fis-6 ta' Ottubru 2014, u fit-13 ta' Mejju, 2015 u ghalihom tpogga taht ordni ta' probation. Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex l-imputat jinzamm fit-taqsima tal-YOURS.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**